Pentekoste

**Nippreparaw**

- Bibbja – il-qari mill-Atti tal-Appostli 2, 1-11 u Ġwanni 20, 19-23
- Xemgħa mixgħula
- Il-mejda jew post fejn hemm il-Bibbja u xemgħa miksija bi drapp aħmar
- Stampa tal-frott tal-Ispirtu s-Santu
- Laptop/computer bil-links:
  Qari:
  https://www.youtube.com/watch?v=OMQKy1Mx49M&t=34s
  Kant tal-aħħar (tintgħażel waħda):
  Idħol fija Spirtu Santu https://www.youtube.com/watch?v=fyR3RL3ZAWQ
  Frott l-Ispirtu https://www.youtube.com/watch?v=atSHCWMtQd8
  Holy Spirit fill me up https://www.youtube.com/watch?v=K7GDwNd6uTU
  Spirit of God https://www.youtube.com/watch?v=iOHbZxjOmG0
  Holy Spirit
  https://www.youtube.com/watch?v=3zARVp3420I
  Talb tal-bidu u għeluq
- Xemgħa għal kull persuna

*Qabel ma nibdew dan il-mument ta' talb, nitfu l-mobiles u neħħu dawk l-affarijiet li jistgħu jkunu ta' distrazzjoni u ninġabru fis-skiet.*

**Talba tal-bidu**
Niftakru li qegħdin fil-preżenza ta' Alla

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispritu s-Santu. Ammen.

Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek, u ħeġġeġ fihom in-nar ta' mħabbtek. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u huma jinħalqu. U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

Nitolbuk Mulej biex tibgħat l-Ispirtu tiegħek fuq il-familja tagħna biex ikollna l-kuraġġ u l-ħeġġa li nagħmlu dak li inti qiegħed titlob minn kull wieħed u waħda minna.

Illum qegħdin niċċelebraw il-birthday tal-Knisja! Illum hija l-festa ta' Pentekoste, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli. Għaddew 50 jum mill-Għid il-Kbir u llum jagħlaq iż-żmien tal-Għid.

Il-qari tal-lum jurina li l-appostli kienu mbgħeżża ħafna, imma wara li rċevew l-Ispirtu s-Santu huma mtlew b'ħafna kuraġġ u ħarġu jgħallmu dwar Ġesù.

Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (Atti 2, 1-11)

Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstama' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu. Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu: "Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Galilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art

twelidu? Partin, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li ġew minn Ruma, kemm Lhud u kemm prosèliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla!"

Il-Kelma tal-Mulej
Irroddu ħajr lil Alla

Hallelujah. Hallelujah
Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.
Hallelujah

Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann (Ġw 20, 19-23)
Glorja lilek, Mulej

Dak il-Ħadd fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom". Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma".

Il-Kelma tal-Mulej
Tifħir lilek Kristu

**Riflessjoni u mistoqsijiet**

L-Evanġelju jibda u jgħid li l-appostli kienu flimkien imma kienu qed jibżgħu. X'inhi l-aħħar darba meta kont qiegħed tibża? Kif irnexxielek tegħleb din il-biża?

Smajna li meta ndunaw li kien Ġesù, l-appostli ferħu. Mela, meta nkunu ħbieb ta' Ġesù, aħna nkunu nies ferħana. L-Ispirtu s-Santu lill-appostli tahom ħafna kuraġġ, lilna wkoll jagħtina ħafna kuraġġ. Jagħtina ħafna għajnuna bħal: għerf, dehen, għaqal, qawwa, xjenza, pjetà u biża ta' Alla. U meta nħallu lill-Ispirtu S-Santu jaħdem fina u naċċettaw dawn ir-rigali, insiru nies differenti u jkollna ħafna kwalitajiet sbieħ; ikollha l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan u l-umiltà.
Ngħaddu l-istampa tal-frott tal-Ispirtu s-Santu lill-dawk kollha preżenti. Nibdew mill-iżgħar u kulħadd jagħżel kelma u jgħid kif hu/hi tgħix din il-kwalità (ngħinu speċjalment fl-għażla u tifsira tal-kelma, skont kif hemm bżonn).

**Għeluq**
Meta Ġesù daħal ħdejn l-appostli qalilhom "il-paċi magħkom", b'ħafna mħabba nagħtu l-paċi lil xulxin.

*Kulħadd iżomm xemgħa mixgħula.*

Ġesù, kif in-nar jeqred dak kollu li jkun hemm quddiemu, neħħi minn ġo fina dak kollu li lilek ma jogħġbokx. In-nar isaħħan, fix-xitwa nduru flimkien ma' xi heater biex nisħnu, fis-sajf ningħaqdu flimkien madwar in-nar tal-BBQ, Ġesù għaqqad lill-familja tagħna u għinna biex nkunu ta' eżempju għall-oħrajn.

Talba lill-Ispirtu s-Santu
Spirtu s-Santu ejja fina
Imliena bl-għerf biex nagħrfu aħjar lilna nfusna u l-kobor tal-imħabba ta' Alla;
żejjinna bid-dehen biex nagħrfu aħjar is-sejħa tagħna bħala nsara;
dawwalna bl-għaqal biex nagħrfu nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin;
saħħaħna bil-qawwa biex ma nibżgħux inkunu ta' xhieda tal-imħabba kbira ta' Alla l-Missier;
kattrilna x-xjenza biex nibqgħu dejjem nitgħallmu iżjed fuq Alla;
sebbaħna bil-pjetà biex nitolbu aktar u nikbru fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-proxxmu;
fawwarna bil-biża ta' Alla sabiex nagħrfu li lil Alla biss għandna nħobbu fuq kollox u lil Ibnu Ġesù li ġie fid-dinja biex isalvana.

Kant tal-aħħar (skont kif intgħażel).

- Illum il-birthday tal-Knisja, niċċelebraw b'xi kejk tajjeb u ħin flimkien bħala familja.

- Matul din il-ġimgħa nħallu l-istampa tal-Frott tal-Ispirtu s-Santu f'post li tidher biex kulħadd jiftakar kif jista' jsir aħjar.

| |
|---|
| L-**aħmar**, huwa s-simbolu tan-nar, tal-imħabba u tax-xhieda li jkunu taw dawk li ngħataw il-mewt minħabba t-twemmin tagħhom f'Ġesù. Jintuża f'Ħadd il-Palm u l-Ġimgħa l-Kbira, f'Pentekoste, u fil-festi tal-Qaddisin martri. |


Ħniena
Sliem
Tjieba
Ħlewwa
Sabar
Fidi
Umiltà
Rażan
Imħabba
Hena
Frott tal-Ispirtu s-Santu